# Qorti tal-Magistrati (Malta)

# Bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

Pulizija

(Spettur Lara Butters)

Vs

Suryajit Bhattarai

Kumpilazzjoni nru.7802/22

1 ta' Dicembru 2022

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Suryajit Bhattarai ta' 26 sena ta' nazzjonjalita' Nepalis iben Jid Bahadur Kshetri Bhattarai u Surya Devi Sigdel, imwieled Tananhun, nhar is-6 ta' Mejju 1996, indirizz ghazel li ma jirrispondiex u detentur ta' Passaport nru 08192021.

Talli fl-24 ta Novembru 2022 u jew fil-jiem, gimghat jew xhur ta' qabel din id-data gewwa dawn il-Gzejjer.

1. Sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifssu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika

ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew taghrif falz (Kap 9, sec 188(1) tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi documenti ohra iffalsifikati (Kap 9 sec 189 tal-Ligijiet ta' Malta).

Il-Qorti giet mitluba sabiex f' kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ma kienx hemm kopja tal-akkuzi bill-lingwa Ingliza. Fic-cirkostanzi is-sentenza tista' tinghata biss bil-lingwa Maltija ghalkemm fis-seduta tal-1 ta' Dicembru l-imputat iddikjara li jifhem bil-lingwa Ingliza u l-procedure tkomplew bil-lingwa Ingliza.

Fis-seduta tal-24 ta' Novembru, 2022 Inhatar Mr Carlo Farrugia sabiex jaghmel translation mill-lingwa Maltija ghal dik Ingliza u vice versa.

L-Akkuzi gew moqrija u ikkonfermati bil-gurament mill-ufficjal prosekutur.

Sar l-ezami tal-imputat li wiegeb li mhux hati ghall-akkuzi migjuba kontrih.

L-Ufficjal Prosekutur ezebixxa.

Statement tal-Imputat Dok LB1.

Rental decleration Dok LB 2.

False decleration contract Dok LB3.

True copy from original contract provided by landlord Dok LB4.

Fedina Penali tal-imputat Dok LB5.

Certified true copy from original passport Dok LB6.

Fis-seduta tal-1 ta' Dicembru 2022 l-imputat iddikjara tramite id-difensuri tieghu li jifhem bil-lingwa ingliza.

The accused at this stage admitted to the charges.

The accused after having consulted with his advocate and withdrawn again to consult with his advocate and after the Court also explained the concept of guilty plea confirmed such plea.

Rat l-artikoli 188(1) u 189 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha u l-provi kollha prodotti.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat irrregistra ammissjoni fi stadju bikri hafna.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tikkundanna l-imputat sitt xhur prigunerija sospizi ghal sena.

L-Qorti spjegat lill-imputat fid-dettal il-portata ta` din is-sentenza.

Is-sentenza u l-ispjegazzjoni inghataw bil-lingwa Ingliza.

Magistrat Dr Yana Micallef Stafrace

Doris Serpina Sciberras

Deputat Registratur